TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 26/16-F

Anna Maria Cilia
Vs
Sagatex Marcon Trading- Maria Said

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 ta' Frar, 2016, fejn ir-rikorrenti talbet danni erbgħa u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€44.90) rappreżentati prezz ta' ġakketta li wara li nħaslet skond il-*care label* ħareġ is-sadid fejn kien hemm il-buttuni.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li nnota li l-intimat issottometta risposta pero' ma attendiex għas-seduta minkejja li kien notifikat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtrat ġakketta mis-soċjeta' ntimata li l-prezz tagħha hu ta' erbgħa u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€44.90), li wara li nħaslet skond il-*care label*, fejn kien hemm l-buttuni ħareġ is-sadid.

L-intimat minkejja li ssottometta risposta ma attendiex għas-seduta.

**It- Tribunal jinnota:**

Illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli.

It-Tribunal ukoll ra l-ġakketta inkwestjoni u nnota li s-sadid veru ħareġ minn dawn il-buttuni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi jordna lis-soċjeta ntimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u tletin Ewro (€35) bl-ispejjes kontra l-istess intimat, b'dan illi l-ġakketta tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**